Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 09/16

**AVVIŻI**

**28 ta' Frar 2016**

Illum issir il-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-Knisja u tal-Parroċċa. Il-ġabra ta' Jannar kienet ta' €263.33. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom. Tifhmu li fiż-żmien ta' festi li ġej l-ispejjeż ikunu ħafna akbar minn tas-soltu. Grazzi.

*Illum* 28 ta' Frar issir il-laqgħa għal-ġenituri tat-tfal li jattendu għall-katekeżi fiċ-ċentru parrokkjali. Din il-laqgħa ssir fl-10am fiċ-Ċentru skont kif isibu fl-ittra li ntbagħtet.

Nhar il-Ħadd li ġej 6 ta' Marzu sa jsir pellegrinaġġ biex insejħu fuqna l-ħniena ta' Alla u nitolbu għax-xita. Dan sa jitlaq minn ħdejn il-ground tal-futbol lejn il-kappella ta' San Mikiel fit-3.30pm. Wara noffru trasport għal min ma jkunx jiflaħ jimxi lura.
Inħeġġu lill-bdiewa kollha u lill-qrabathom biex jingħaqdu magħna f'talba ħerqana lil Alla Ħallieq.